IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.9.2015
COM(2015) 452 final

2015/0211 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għall-finijiet tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, u li jemenda d-Direttiva 2013/32/UE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

- **L-istabbiliment ta' lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu**

Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni komprensiva fit-13 ta' Mejju 2015[1], li tfisser, b'żieda mal-miżuri immedjati proposti ftit wara mill-Kummissjoni bħala reazzjoni għas-sitwazzjoni ta' kriżi fil-Mediterran, inizjattivi ulterjuri li jridu jittieħdu sabiex jiġu pprovduti soluzzjonijiet strutturali ħalli tiġi ġestita aħjar il-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha. Bħala parti mill-inizjattivi strutturali kkunsidrati u fid-dawl tal-pressjoni attwali bla preċedent fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jkun hemm approċċ aktar effettiv fejn jidħlu abbużi u indikat l-intenzjoni tagħha li ssaħħaħ id-dispożizzjoniijiet dwar il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini bla periklu tad-Direttiva 2013/32/UE dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (minn hawn' il quddiem "id-Direttiva 2013/32/UE") sabiex issostni l-ipproċessar malajr tal-applikazzjonijiet għall-ażil minn persuni li joriġinaw mill-pajjiżi indikati bħala bla periklu. Kif ġie enfasizzat mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015, dan jinkludi l-istabbiliment ta' lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

Id-Direttiva 2013/32/UE tippermetti lill-Istati Membri li japplikaw regoli ta' proċedura speċifiċi, b'mod partikolari proċeduri aċċellerati u dawk ta' fuq il-fruntiera, fejn l-applikant ikun ċittadin ta' pajjiż (jew persuna mingħajr Stat fir-rigward ta' pajjiż terz ta' residenza abitwali preċedenti) li ġie indikat bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu mil-liġi nazzjonali u li, barra minn hekk, jista' jitqies bħala bla periklu għall-applikant fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu jew tagħha. Huma biss xi Stati Membri li adottaw listi nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu. Barra minn hekk dawn il-listi nazzjonali jippreżentaw xi diverġenzi li jistgħu jirriżultaw minn differenzi fil-valutazzjoni tal-livell ta' sigurtà ta' ċerti pajjiżi terzi jew minn differenzi fin-natura tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu qed jiffaċċjaw l-Istati Membri.

Id-Direttiva 2013/32/UE tistipula kriterji komuni ta' klassifikazzjoni ta' pajjiżi terzi ta' oriġini bla periklu mill-Istati Membri fl-Anness I tagħha, li jipprovdi dan li ġej:

"Pajjiż ikun kunsidrat bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu fejn, abbażi tas-sitwazzjoni legali, l-applikazzjoni tal-liġi fi ħdan sistema demokratika u ċ-ċirkostanzi politiċi ġenerali, ikun jista' jiġi muri li ġeneralment u konsistentement ma hemmx persekuzzjoni kif definita fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/95/UE[2], ebda tortura jew trattament jew punizzjoni inumani jew degradanti, u ebda theddida minn vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.

Meta ssir din il-valutazzjoni, għandu jittieħed kont inter alia tal-entità tal-protezzjoni pprovduta kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin permezz ta' dawn li ġejjin:

---

[1] COM (2015) 240 finali, 13.5.2015.

[2] Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).

(a) il-liġijiet u r-regolamenti relevanti tal-pajjiż u l-mod li bih huma applikati;

(b) l-osservanza tad-drittijiet u l-libertajiet stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u/jew il-Ftehim Internazzjonali għad-Drittijiet Ċivili u Politiċi u/jew il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura, b'mod partikolari d-drittijiet li minnhom ma tistax issir deroga taħt l-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni Ewropea msemmija;

(c) ir-rispett għall-prinċipju ta' non-refoulement b'konformita' mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra;

(d) id-dispożizzjonijiet li jipprovdu għal sistema ta' rimedji effettivi kontra l-ksur ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet."

Bħalissa, il-liġi tal-UE ma tinkludix lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu Il-proposta preżenti għandha l-għan li tistabbilixxi tali lista komuni tal-UE, abbażi tal-kriterji komuni stiplati fid-Direttiva 2013/32/UE, peress li din tiffaċilita l-użu mill-Istati Membri kollha tal-proċeduri marbuta mal-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini bla periklu u, b'hekk, biex tiżdied l-effiċjenza ġenerali tas-sistemi ta' ażil tagħhom fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li x'aktarx ikunu bla bażi. Lista komuni tal-UE tnaqqs ukoll id-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, u b'hekk tiffaċilita l-konverġenza fil-proċeduri u tiskoraġġixxi l-movimenti sekondarji ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

- **Il-pajjiżi terzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu**

Abbażi tal-informazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tagħha, b'mod partikolari r-rappurtar mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-informazzjoni minn Stati Membri, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra, il-Kummissjoni Ewropea waslet għall-konklużjoni li l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo*[3], il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija huma pajjiżi ta' oriġini bla periklu skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/32/UE u għandhom jiġu inklużi fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

Il-Kummissjoni Ewropea użat b'mod partikolari rapporti mis-SEAE, li jinkludu rapporti ddedikati għal pajjiżi speċifiċi tal-31 ta' Awwissu u tal-1 ta' Settembru 2015, informazzjoni mill-Istati Membri, inkluża l-leġislazzjoni nazzjonali dwar l-indikazzjoni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, informazzjoni mill-EASO, inklużi rapporti bil-miktub u l-eżitu ta' laqgħa ta' koordinazzjoni dwar pajjiżi ta' oriġini bla periklu mal-esperti tal-Istati Membri tat-2 ta' Settembru 2015, kif ukoll informazzjoni disponibbli pubblikament mill-Kunsill tal-Ewropa, l-UNHCR u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra rilevanti.

Fir-rigward tal-Albanija, il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża l-adeżjoni għat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. F'ċerti każijiet individwali, għadhom iseħħu xi espisodji iżolati ta' vendetti li jintirtu, vjolenza domestika, u d-diskriminazzjoni jew vjolenza kontra individwi li jappartjenu għal minoranzi etniċi jew gruppi ta' persuni

---

[3] * Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma ' UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

vulnerabbli, inklużi r-Rom, l-Eġizzjani tal-Baklani, u l-LGBTI[4]. L-adeżjoni tal-Albanija għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tirrikjedi li l-possibbiltà ta’ rikors quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tkun salvagwardja li tiggarantixxi l-effettività tas-sistema ta' rimedji kontra tali ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'erbgħa minn 150 applikazzjoni. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 7.8 % (1040) ta' applikazzjonijiet għall-ażil ta' ċittadini mill-Albanija kellhom bażi soda. Mill-inqas tmien Stati Membri indikaw lill-Albanija bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu. L-Albanija ġiet indikata bħala pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew. Għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-Istati Membri liċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq meta jiġu biex jiddeterminaw jekk pajjiż terz inkluż fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu ikunx ikkunsidrat bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu għal xi applikant partikolari kif ukoll matul l-eżami ta' applikazzjoni bl-użu tal-faċilitajiet proċedurali stipulati fid-Direttiva 2013/32/UE fir-rigward ta' applikanti minn pajjiż ta' oriġini bla periklu. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Albanija hija pajjiż ta’ oriġini bla periklu skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/32/UE.

Fir-rigward tal-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kostituzzjoni tipprovdi l-bażi għall-kondiviżjoni tas-setgħat bejn il-popli kostitwenti tal-pajjiż. Il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża l-adeżjoni mat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. Id-diskriminazzjoni jew il-vjolenza kontra individwi fuq kriterji etniċi jew reliġjużi jew minħabba l-opinjoni politika tagħhom kif ukoll kontra individwi li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli bħall-persuni LGBTI, il-ġurnalisti, u t-tfal għadha sseħħ f'xi każijiet individwali. L-adeżjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tirrikjedi li l-possibbiltà ta’ rikors quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tkun salvagwardja li tiggarantixxi l-effettività tas-sistema ta' rimedji kontra tali ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'ħames minn 1196 applikazzjoni. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 4,6 % (330) ta' applikazzjonijiet għall-ażil minn ċittadini mill-Bożnija-Ħerzegovina kellhom bażi soda. Mill-inqas disa' Stati Membri indikaw lill-Bożnija-Ħerzegovina bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu. Għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-Istati Membri liċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq meta jiġu biex jiddeterminaw jekk pajjiż terz inkluż fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu ikunx ikkunsidrat bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu għal xi applikant partikolari kif ukoll matul l-eżami ta' applikazzjoni bl-użu tal-faċilitajiet proċedurali stipulati fid-Direttiva 2013/32/UE fir-rigward ta' applikanti minn pajjiż ta' oriġini bla periklu. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Bożnija-Ħerzegovina hija pajjiż ta’ oriġini bla periklu skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/32/UE.

Fir-rigward tal-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża s-sħubija mat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tiegħu stess. Għadhom iseħħu każijiet iżolati ta' diskriminazzjoni jew vjolenza kontra individwi li jappartjenu għal gruppi ta' persuni vulnerabbli, inklużi tfal, persuni b'diżabilità, Roma u LGBTI. L-adeżjoni tal-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tirrikjedi li l-possibbiltà ta’ rikors quddiem il-Qorti Ewropea

4 Il-persuni lesbjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali.

tad-Drittijiet tal-Bniedem tkun salvagwardja li tiggarantixxi l-effettività tas-sistema ta' rimedji kontra tali ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'sitta minn 502 applikazzjoni. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 0,9 % (70) ta' applikazzjonijiet għall-ażil minn ċittadini mill-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kellhom bażi soda. Mill-inqas seba' Stati Membri indikaw lill-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu. L-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ġiet indikata bħala pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew. Għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-Istati Membri liċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq meta jiġu biex jiddeterminaw jekk pajjiż terz inkluż fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu ikunx ikkunsidrat bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu għal xi applikant partikolari kif ukoll matul l-eżami ta' applikazzjoni bl-użu tal-faċilitajiet proċedurali stipulati fid-Direttiva 2013/32/UE fir-rigward ta' applikanti minn pajjiż ta' oriġini bla periklu. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-eks-Repubblika tal-Maċedonja hija pajjiż ta’ oriġini bla periklu skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/32/UE.

Fir-rigward tal-Kosovo*, il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni. In-non-adeżjoni tal-Kosovo* għal strumenti relevanti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem bħal ma hi l-KEDB tirriżulta min-nuqqas ta' kunsens internazzjonali dwar l-istatus tiegħu bħala Stat sovran. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. F'każijiet individwali għadha sseħħ diskriminazzjoni jew vjolenza kontra individwi li jappartjenu għal gruppi ta’ persuni vulnerabbli bħalma huma n-nisa, il-persuni LGBTI u persuni li jappartjenu għal minoranzi etniċi, inklużi s-Serbi etniċi. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 6,3 % (830) ta' applikazzjonijiet għall-asil ta' ċittadini mill-Kosovo* kellhom bażi soda. Mill-inqas sitt Stati Membri indikaw lill-Kosovo* bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu. Għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-Istati Membri liċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq meta jiġu biex jiddeterminaw jekk pajjiż terz inkluż fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu ikunx ikkunsidrat bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu għal xi applikant partikolari kif ukoll matul l-eżami ta' applikazzjoni bl-użu tal-faċilitajiet proċedurali stipulati fid-Direttiva 2013/32/UE fir-rigward ta' applikanti minn pajjiż ta' oriġini bla periklu. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Kosovo* huwa pajjiż ta’ oriġini bla periklu skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/32/UE.

Fir-rigward tal-Montenegro, il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża l-adeżjoni mat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. Għadhom iseħħu każijiet iżolati ta' diskriminazzjoni jew vjolenza kontra individwi li jappartjenu għal gruppi ta' persuni vulnerabbli, inklużi persuni b'diżabilità, ġurnalisti, Roma u LGBTI. L-adeżjoni tal-Montenegro għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tirrikjedi li l-possibbiltà ta’ rikors quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tkun salvagwardja li tiggarantixxi l-effettività tas-sistema ta' rimedji kontra tali ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'applikazzjoni waħda (1) minn 447 applikazzjoni. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 3,0 % (40) ta' applikazzjonijiet għall-ażil ta' ċittadini mill-Montenegro kellhom bażi soda. Mill-inqas disa' Stati Membri indikaw lill-Montenegro bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu. Il-Montenegro ġie indikat bħala pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew u n-negozjati nfetħu. Għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-Istati Membri liċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq meta jiġu biex jiddeterminaw jekk pajjiż terz inkluż fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu ikunx ikkunsidrat bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu għal xi applikant partikolari kif ukoll

matul l-eżami ta' applikazzjoni bl-użu tal-faċilitajiet proċedurali stipulati fid-Direttiva 2013/32/UE fir-rigward ta' applikanti minn pajjiż ta' oriġini bla periklu. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Montenegro huwa pajjiż ta’ oriġini bla periklu skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/32/UE.

Fir-rigward tas-Serbja, il-Kostituzzjoni tipprovdi l-bażi għall-awtonomija ta' gruppi minoritarji fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-użu tal-lingwa, tal-informazzjoni u l-kultura. Il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża l-adeżjoni mat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. Għadha sseħħ diskriminazzjoni kontra individwi li jappartjenu għal gruppi ta’ persuni vulnerabbli, inklużi minoranzi etniċi, fosthom l-Albaniżi etniċi, il-minoranzi reliġjużi, inklużi l-Musulmani, ir-Roma u l-LGBTI. L-adeżjoni tas-Serbja mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tirrikjedi li l-possibbiltà ta’ rikors quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tkun salvagwardja li tiggarantixxi l-effettività tas-sistema ta' rimedji kontra tali ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'16 minn 11 490 applikazzjoni. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 1,8 % (400) ta' applikazzjonijiet għall-ażil minn ċittadini mis-Serbja kellhom bażi soda. Mill-inqas disa' Stati Membri indikaw lis-Serbja bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu. Is-Serbja ġiet indikata bħala pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew u n-negozjati nfetħu. Għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-Istati Membri liċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq meta jiġu biex jiddeterminaw jekk pajjiż terz inkluż fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu jkunx ikkunsidrat bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu għal xi applikant partikolari kif ukoll matul l-eżami ta' applikazzjoni bl-użu tal-faċilitajiet proċedurali stipulati fid-Direttiva 2013/32/UE fir-rigward ta' applikanti minn pajjiż ta' oriġini bla periklu. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-Serbja huwa pajjiż ta’ oriġini bla periklu skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/32/UE.

Fir-rigward tat-Turkija, il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża s-sħubija mat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. Għadhom iseħħu diskriminazzjoni u ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta’ persuni li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli bħall-minoranzi, inklużi Kurdi etniċi, ġurnalisti u l-LGBTI. L-adeżjoni tat-Turkija mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tirrikjedi li l-possibbiltà ta’ rikors quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tkun salvagwardja li tiggarantixxi l-effettività tas-sistema ta' rimedji kontra tali ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'94 applikazzjoni minn 2899. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 23,1 % (310) ta' applikazzjonijiet għall-ażil minn ċittadini tat-Turkija kellhom bażi soda. Stat Membru wieħed indika lit-Turkija bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu. It-Turkija ġiet indikata bħala pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew u n-negozjati nfetħu. Għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-Istati Membri liċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq meta jiġu biex jiddeterminaw jekk pajjiż terz inkluż fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu jkunx ikkunsidrat bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu għal xi applikant partikolari kif ukoll matul l-eżami ta' applikazzjoni bl-użu tal-faċilitajiet proċedurali stipulati fid-Direttiva 2013/32/UE fir-rigward ta' applikanti minn pajjiż ta' oriġini bla periklu. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-Turkija huwa pajjiż ta’ oriġini bla periklu skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/32/UE.

Din il-proposta għandha tiġi kkunsidrata bħala l-ewwel pass lejn l-objettiv li tiġi stabbilita lista komuni komprensiva ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' għalhekk tipproponi l-inklużjoni ta' pajjiżi terzi oħrajn, li jissodisfaw il-kriterji biex jiġu indikati bħala bla periklui, fuq il-lista komuni tal-UE ladarba din tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Ser tingħata prijorità lil pajjiżi terzi li minnhom joriġina għadd sinifikanti ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali fl-UE bħall-Bangladexx, il-Pakistan, u s-Senegal.

Kif indikat f'din il-proposta, il-Kummissjoni tippreżenta rapport wara perijodu ta' tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jekk jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, dwar il-possibbiltà li jittieħdu passi ulterjuri ta' armonizzazzjoni li jistgħu jwasslu għall-eliminazzjoni tal-bżonn ta' listi nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

1.2. Il-konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

Din il-proposta hija konsistenti mal-proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali stabbiliti mid-Direttiva 2013/32/UE u mal-istrumenti l-oħra tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil.

1.3. Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Il-proposta li tiġi stabbilita lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu u li jiġu inklużi, b'mod partikolari, f'tali lista pajjiżi terzi li ġew indikati bħala pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew hija konsistenti mal-linji tal-politika tat-tkabbir tal-Unjoni. Meta l-Albanija, l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija ġew indikati bħala pajjiżi kandidati mill-Kunsill Ewropew, il-valutazzjoni kienet li huwa jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen tal-21-22 ta' Ġunju 1993 fejn tidħol l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u r-rispett lejhom, u li dawn se jkollhom ikomplu jissodisfaw dawn il-kriterji biex issir membru. Il-progress fit-twettiq tal-kriterji politiċi u ekonomiċi kif ukoll l-allinjament mal-acquis jiġu vvalutati kull sena fir-rapport ta' progress annwali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-proposta preżenti biex jiġu inklużi l-Albanija, l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu hija bla ħsara għar-rapporti ta' progress annwali li jmiss li għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn il-pajjiżi terzi.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015 irrefera, fir-rigward tal-ħtieġa li jitħaffef l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil, għall-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet rigward il-pajjiżi ta' oriġini bla periklu tad-Direttiva 2013/32/UE, inkluż it-tfassil possibbli ta' lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

Il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fil-konklużjonijiet tiegħu dwar pajjiżi ta' oriġini bla periklu tal-20 ta' Lulju 2015 laqa' l-istabbiliment possibbli ta' lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu. Il-Kunsill innota li "rigward tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li maġġoranza ta' listi nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu jinkludu lil dawn il-pajjiżi, li f'diversi okkażjonijiet il-Kunsill Ewropew tenna l-perspettiva Ewropea tagħhom u li l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja ġew ittrasferiti għal-lista ta' pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti mir-rekwiżit ta' viża mid-19 ta' Diċembru 2009 u l-15 ta' Diċembru 2010 rispettivament, Barra minn hekk, ir-rata medja ta' rikonoxximent ta' asil mal-UE kollha għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent kienet

pjuttost baxxa fl-2014. Din tissuġġerixxi li l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jistgħu jitqiesu bħala pajjiżi ta’ oriġini bla periklu mill-Istati Membri kollha."

Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni, l-EASO organizzat, fit-2 ta' Settembru 2015, laqgħa fil-livell ta' esperti mal-Istati Membri fejn intlaħaq konsensus wiesa’ li l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo*, l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja għandhom jiġu meqjusa bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu fis-sens tad-Direttiva 2013/32/UE.

3. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ, IL-PROPORZJONALITÀ, ID-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

3.1. Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 78(2)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li huwa l-bażi ġuridika għal miżuri dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar ta' status uniformi ta' ażil u ta' protezzjoni sussidjarja. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għall-finijiet tad-Direttiva 2013/32/UE u li temenda din id-Direttiva, li ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 78(2)(d) TFUE.

3.2. Sussidjarjetà

It-Titolu V tat-TFUE dwar iż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jagħti lill-Unjoni Ewropea ċerti poteri dwar dawn il-kwistjonijiet. Dawn il-poteri jridu jitħaddmu skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri jekk u safejn l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea.

Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu fil-livell tal-Unjoni peress li se tiffaċilita l-użu mill-Istati Membri kollha tal-proċeduri marbuta mal-applikazzjoni tal-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini bla periklu. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tindirizza wħud mid-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, li minħabba fihom, l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li joriġinaw mill-istess pajjiżi terzi mhux dejjem ikunu suġġetti għall-istess proċeduri fl-Istati Membri. L-għan fuq kollox tal-azzjoni proposta ma jintlaħaqx b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jintlaħaq aħjar mill-Unjoni Ewropea.

3.3. Proporzjonalità

Skont il-prinċipju ta’ proporzjonalità, il-modifiki proposti tal-qafas leġiżlattiv eżistenti ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti. Il-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu tiġi stabbiliti skont il-kriterji diġà stabbiliti bid-Direttiva 2013/32/UE, għall-indikazzjoni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, u se jkun hemm reviżjoni regolari tal-pajjiżi fil-lista komuni. Għar-rigward tal-emendi proposti tad-Direttiva 2013/32/UE dawn huma limitati għal dak li huwa neċessarju biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/32/UE għar-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini bla periklu huma applikabbli għall-pajjiżi terzi fuq il-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

3.4. L-Għażla tal-istrument

L-għażla ta' Regolament għall-istabbiliment ta' lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu huwa ġġustifikat min-natura ta' tali lista komuni, li tiġi stabbilita fil-livell tal-Unjoni u għandha tkun direttament applikabbli fis-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri.

3.5. Drittijiet fundamentali

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta, inkluż id-dritt għall-ażil u l-protezzjoni kontra r-refoulement kif stipulat fl-Artikoli 18 u 19 tal-Karta.

B'mod partikolari huwa mfakkar li skont id-Direttiva 2013/32/UE, iċ-ċirkostanza li pajjiż terz ikun fuq il-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu ma tistax tistabbilixxi garanzija assoluta ta' sigurtà għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma twarrabx il-ħtieġa li jkun hemm eżami individwali xieraq tal-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali. Ta' min ifakkar ukoll li, meta applikant juri li jkun hemm raġunijiet serji sabiex il-pajjiż ma jiġix kunsidrat bħala wieħed bla periklu fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, l-indikazzjoni tal-pajjiż bħala wieħed bla periklu ma tistax aktar titqies bħala relevanti għalih.

Il-pajjiżi terzi li għalihom qed tiġi proposta l-inklużjoni fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2013/32/UE għall-indikazzjoni bħala pajjiż bla periklu. Dan jimplika li, abbażi tas-sitwazzjoni ġuridika, l-applikazzjoni tal-liġi fi ħdan sistema demokratika u ċ-ċirkostanzi politiċi ġenerali, ikun jista' jiġi muri li f'dawn il-pajjiżi, b'mod ġenerali u konsistenti, ma jkunx hemm persekuzzjoni kif definita fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/95/UE, ebda tortura jew trattament jew punizzjoni inumani jew degradanti, u ebda theddida minn vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma fiha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE u ma għandu jkollha l-ebda implikazzjonijiet baġitarji għall-Istati Membri.

5. ELEMENTI OĦRA

5.1. Arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar

Il-proposta tipprevedi li l-possibbiltà li fil-futur jittieħdu passi ulterjuri għall-armonizzazzjoni li jistgħu jwasslu għall-eliminazzjoni tal-bżonn ta' listi nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għandhom jiġu kkunsidrati wara perjodu ta' tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, abbażi ta' rapport li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni.

5.2. Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi lista komuni tal-UE ta' pajjiżi terzi li għandhom ikunu kkunsidrati bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu fis-sens tad-Direttiva 2013/32/UE. Temenda wkoll id-Direttiva 2013/32 sabiex tippermetti l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar pajjiż ta' oriġini bla periklu ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-pajjiżi terzi inklużi fil-lista komuni tal-UE.

Il-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu tiddaħħal fl-Anness I tar-Regolament propost. Pajjiżi terzi li għandhom jiġu inklużi f'dan l-Anness ikunu jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2013/32/UE għal-indikazzjoni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu. Il-Kummissjoni tqis li l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo*, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet u għandhom, bħala l-ewwel pass, jiġu inklużi fil-lista komuni tal-UE.

Il-proposta tipprovdi għal obbligu għall-Kummissjoni biex regolarment tirreżamina s-sitwazzjoni fil-pajjiżi terzi li jkunu fuq il-lista komuni tal-UE, abbażi ta' firxa ta' sorsi ta' informazzjoni, inkluż b'mod partikolari rappurtar regolari mis-SEAE u informazzjoni mill-

Istati Membri, mill-EASO, mill-UNHCR, mill-Kunsill tal-Ewropa u minn organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti oħra.

Il-proposta tipprovdi li kwalunkwe emenda fil-lista komuni tal-UE ta’ pajjiżi ta’ oriġini bla periklu tiġi adottata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Madankollu, huwa previst li, fil-każ ta' tibdil għal għarrieda għall-agħar fis-sitwazzjoni f'pajjiż terz li jkun fuq din il-lista, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 290 TFUE biex tissospendi, għal perjodu ta' sena, il-preżenża tal-pajjiz terz mil-lista meta tqis li, abbażi ta' evalwazzjoni sostanzjata, il-kundizzjonijiet li minħabba fihom pajjiż terz ikun jitqies bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu ma jkunux għadhom qed jiġu ssodisfati. Il-Kummissjoni se tkun tista' testendi s-sospensjoni għal perjodu massimu ta' sena, fejn tkun ipproponiet emenda għar-Regolament sabiex dan il-pajjiż terz jitneħħa mil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' orġini bla periklu. Il-proposta fiha dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kundizzjonijiet tad-delega tas-setgħa lill-Kummissjoni, inkluż rigward it-perjodu ta' validità tiegħu, il-possibbiltà li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirrevokawha fi kwalunkwe ħin, l-obbligu għall-Kummissjoni li tinnotifika l-adozzjoni ta' atti delegati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u l-fatt li atti ddelegati jistgħu jidħlu fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni minn dawn l-istituzzjonijiet fi żmien xahar wara din in-notifika.

2015/0211 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għall-finijiet tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, u li jemenda d-Direttiva 2013/32/UE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 78(2)(d) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[5],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[6],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] tippermetti lill-Istati Membri li japplikaw regoli proċedurali speċifiċi, b'mod partikolari proċeduri aċċellerati u dawk ta' fuq il-fruntiera, f'ċirkostanzi definiti b'mod ċar fejn applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali x'aktarx li tkun bla bażi, inkluż meta l-applikant ikun ċittadin ta’ pajjiż li jkun ġie indikat bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu mil-liġi nazzjonali u li, barra minn hekk, jista' jitqies bħala bla periklu għall-applikant ikkonċernat fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu jew tagħha. L-istess regoli jistgħu jiġu applikati fil-każ ta' persuni apolidi fir-rigward ta’ pajjiżi terzi fejn dawn kienu preċedentement abitwalment residenti.

(2) Id-Direttiva 2013/32/UE tistipula kriterji komuni għall-indikazzjoni ta' pajjiżi terzi ta' oriġini bla periklu fil-livell nazzjonali. Madankollu, huma biss ċerti Stati Membri li fil-liġi nazzjonali tagħhom indikaw pajjiżi ta' oriġini bla periklu, li jfisser li fil-preżent mhux l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-faċilitajiet proċedurali relatati stipulati fid-Direttiva 2013/32/UE. Barra minn hekk, minħabba d-diverġenzi eżistenti bejn listi nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu li ġew adottati mill-Istati Membri, li jistgħu jirriżultaw minn differenzi fl-evalwazzjoni tas-sigurtà ta' ċerti pajjiżi terzi jew minn differenzi fin-natura tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiż terz li qed iħabbtu wiċċhom magħhom, il-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini bla periklu kif definit fid-

5 ĠU C , , p. .
6 ĠU C , , p. .
7 Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60).

Direttiva 2013/32/UE bħalissa mhux dejjem qed jiġi applikat mill-Istati Membri fir-rigward tal-istess pajjiżi terzi.

(3) Fid-dawl taż-żieda qawwija ħafna li ġiet esperjenzata mill-2014 fin-numru ta’ applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li saru fl-Unjoni u l-pressjoni riżultanti, bla preċedenti, fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri, l-Unjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa li ssaħħaħ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar pajjiż ta' oriġini bla periklu tad-Direttiva 2013/32/UE, bħala għodda essenzjali biex jiġi sostnut l-ipproċessar rapidu ta’ applikazzjonijiet li xaktarx ma jkollhomx bażi soda. B'mod partikolari, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill Ewropew semma, fir-rigward tal-ħtieġa li jitħaffef l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil, l-intenzjoni tal-Kummissjoni kif imfissra fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[8], li ssaħħaħ dawn id-dispożizzjonijiet, inkluż bit-tfassil possibbli ta' list komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu. Barra minn dan, il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar pajjiżi ta' oriġini bla periklu tal-20 ta' Lulju 2015 laqgħa b'mod pożittiv l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet rigward il-pajjiżi ta’ oriġini bla periklu tad-Direttiva 2013/32/UE, inkluż l-istabbiliment possibbli ta' lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

(4) Lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għanda tiġi mfassla abbażi tal-kriterji komuni stipulati fid-Direttiva 2013/32/UE, peress li din tiffaċilita l-użu mill-Istati Membri kollha tal-proċeduri marbuta mal-applikazzjoni tal-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini bla periklu u, b’hekk, biex tiżdied l-effiċjenza ġenerali tas-sistemi ta’ ażil tagħhom fir-rigward ta’ applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li x’aktarx ikunu bla bażi. L-istabbiliment ta' lista komuni tal-UE tkun tindirizza wkoll xi wħud mid-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, li minħabba fihom, l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li joriġinaw mill-istess pajjiżi terzi mhux dejjem ikunu suġġetti għall-istess proċeduri fl-Istati Membri. Filwaqt li l-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġislazzjoni li tippermetti l-indikazzjoni ta' pajjiżi terzi apparti minn dawk li jkunu jidhru fil-lista komuni tal-UE bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu, l-istabbiliment ta' tali lista komuni jiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta’ applikanti li l-pajjiżi tagħhom ta’ oriġini jkunu f’din il-lista. Għaldaqstant dan se jiffaċilita l-konverġenza fl-applikazzjoni tal-proċeduri u b’hekk jiġu skoraġġuti l-movimenti sekondarji ta’ applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. F'dan il-kuntest, il-possibbiltà li fil-futur jittieħdu passi ulterjuri għall-armonizzazzjoni li jistgħu jwasslu għall-eliminazzjoni tal-bżonn ta' listi nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għandhom jiġu kkunsidrati wara perjodu ta' tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, abbażi ta' rapport li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni.

(5) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/32/UE li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini bla periklu għandhom ikunu applikabbli fir-rigward ta' pajjiżi terzi li jkunu fuq il-lista komuni tal-UE stabbiliti b'dan ir-Regolament. B'mod partikolari dan ifisser li ċ-ċirkostanza li pajjiż terz ikun fuq il-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu ma tistax tistabbilixxi garanzija assoluta ta' sigurtà għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma twarrabx il-ħtieġa li jkun hemm eżami individwali xieraq tal-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali.

8 COM (2015) 240 finali, 13.5.2015.

Barra minn dan, ta' min ifakkar ukoll li, meta applikant juri li jkun hemm raġunijiet serji sabiex il-pajjiż ma jiġix kunsidrat bħala wieħed bla periklu fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, l-indikazzjoni tal-pajjiż bħala wieħed bla periklu ma tistax aktar tiġi meqjusa bħala relevanti għalih.

(6) Il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod regolari s-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi li jkunu fuq il-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu. Fil-każ ta' bidla għal għarrieda għall-agħar fis-sitwazzjoni ta' pajjiż terz li jkun fuq il-lista komuni tal-UE, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jkun delegat lill-Kummissjoni għar-rigward tas-sospensjoni tal-preżenza ta' dan il-pajjiż terz mil-lista komuni tal-UE għal sena, meta din tqis, abbażi ta' evalwazzjoni sostanzjata, li ma jkunux għadhom issodisfati l-kundizzjonijiet stabbilit mid-Direttiva 2013/32/UE sabiex pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu. Għall-iskop ta' din l-evalwazzjoni sostanzjata, il-Kummissjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni firxa ta' sorsi ta' informazzjoni li għandha għad-dispożizzjoni tagħh inkluż, u b'mod partikolari, ir-Rapporti Annwali ta' Progress tagħha dwar pajjiżi terzi indikati bħala pajjiżi kandidati mill-Kunsill Ewropew, rapporti regolari mis-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-informazzjoni mill-Istati Membri, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR), il-Kunsill tal-Ewropea u organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti oħra. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' testendi s-sospensjoni tal-preżenza ta' pajjiż terz mil-lista komuni tal-UE għal perjodu massimu ta' sena, meta tkun ipproponiet emenda għal dan ir-Regolament sabiex dan il-pajjiż terz mil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(7) Wara l-konklużjonijiet dwar pajjiżi ta' oriġini bla periklu tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-20 ta' Lulju 2015, fejn l-Istati Membri qablu li għandha tingħata prijorità lil evalwazzjoni mill-Istati Membri kollha tas-sigurtà tal-Balkani tal-Punent, l-EASO organizzat, fit-2 ta' Settembru 2015, laqgħa fil-livell ta' esperti mal-Istati Membri fejn intlaħaq konsensus wiesa' li l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo*[9], l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja għandhom jiġu meqjusa bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu fis-sens tad-Direttiva 2013/32/UE.

(8) Skont id-Direttiva 2013/32/UE, pajjiż ikun kunsidrat bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu meta, abbażi tas-sitwazzjoni legali, l-applikazzjoni tal-liġi fi ħdan sistema demokratika u ċ-ċirkostanzi politiċi ġenerali, ikun jista' jiġi muri li ġeneralment u konsistentement ma hemmx persekuzzjoni kif definita fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10], ebda tortura jew trattament jew punizzjoni

[9] * Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma ' UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

[10] Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).

inumani jew degradanti, u ebda theddida minn vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.

(9) Abbażi ta' firxa ta' sorsi ta' informazzjoni, inkluż b'mod partikolari rappurtar mis-SEAE u informazzjoni mill-Istati Membri, mill-EASO, mill-UNHCR, mill-Kunsill tal-Ewropa u minn organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti oħra, għadd ta' pajjiżi terzi jitqiesu li jikkwalifikaw bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

(10) Fir-rigward tal-Albanija, il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża l-adeżjoni għat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'erbgħa minn 150 applikazzjoni. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 7.8 % (1040) ta' applikazzjonijiet għall-ażil ta' ċittadini mill-Albanija kellhom bażi soda. Mill-inqas tmien Stati Membri indikaw lill-Albanija bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu. L-Albanija ġiet indikata bħala pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew. F'dak iż-żmien l-evalwazzjoni kienet li l-Albanija ssodisfat il-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen tal-21-22 ta' Ġunju 1993 relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni ta' minoranzi u l-Albanija se jkollha tkompli tissodisfa dawn il-kriterji biex issir membru skont ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-rapport ta' progress annwali.

(11) Fir-rigward tal-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kostituzzjoni tipprovdi l-bażi għall-kondiviżjoni tas-setgħat bejn il-popli kostitwenti tal-pajjiż. Il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża l-adeżjoni mat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'ħames minn 1196 applikazzjoni. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 4,6 % (330) ta' applikazzjonijiet għall-ażil minn ċittadini mill-Bożnija-Ħerzegovina kellhom bażi soda. Mill-inqas disa' Stati Membri indikaw lill-Bożnija-Ħerzegovina bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu.

(12) Fir-rigward tal-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' leġiżlazzjoni prinċipali sostantiva u proċedurali tad-drittijiet u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża l-adeżjoni mat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'sitta minn 502 applikazzjoni. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 0,9 % (70) ta' applikazzjonijiet għall-ażil minn ċittadini mill-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kellhom bażi soda. Mill-inqas seba' Stati Membri indikaw lill-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu. L-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ġiet indikata bħala pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew. F'dak iż-żmien l-evalwazzjoni kienet li l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kienet tissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen tal-21-22 ta' Ġunju 1993 relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett u l-protezzjoni tal-minoranzi u l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

se jkollhom tibqa' tissodisfa dawn il-kriterji biex issir membru, skont ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rapport Annwali ta' Progress.

(13) Fir-rigward tal-Kosovo*, il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni. In-non-adeżjoni tal-Kosovo* għal strumenti relevanti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem bħal ma hi l-KEDB tirriżulta min-nuqqas ta' kunsens internazzjonali dwar l-istatus tiegħu bħala Stat sovran. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 6,3 % (830) ta' applikazzjonijiet għall-asil ta' ċittadini mill-Kosovo* kellhom bażi soda. Mill-inqas sitt Stati Membri indikaw lill-Kosovo* bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu.

(14) Fir-rigward tal-Montenegro, il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża l-adeżjoni mat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'applikazzjoni waħda (1) minn 447 applikazzjoni. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 3,0 % (40) ta' applikazzjonijiet għall-ażil ta' ċittadini mill-Montenegro kellhom bażi soda. Mill-inqas disa' Stati Membri indikaw lill-Montenegro bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu. Il-Montenegro ġie indikat bħala pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew u n-negozjati nfetħu. F'dak iż-żmien l-evalwazzjoni kienet li l-Montenegro kien jissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta’ Kopenħagen tal-21-22 ta' Ġunju 1993 relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett u l-protezzjoni tal-minoranzi u l-Montenegro se jkollu jibqa' jissodisfa dawn il-kriterji biex isir membru, skont ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rapport Annwali ta' Progress.

(15) Fir-rigward tas-Serbja, il-Kostituzzjoni tipprovdi l-bażi għall-awtonomija ta' gruppi minoritarji fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-użu tal-lingwa, tal-informazzjoni u l-kultura. Il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża l-adeżjoni mat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'16 minn 11 490 applikazzjoni. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 1,8 % (400) ta' applikazzjonijiet għall-ażil minn ċittadini mis-Serbja kellhom bażi soda. Mill-inqas disa' Stati Membri indikaw lis-Serbja bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu. Is-Serbja ġiet indikata bħala pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew u n-negozjati nfetħu. F'dak iż-żmien l-evalwazzjoni kienet li s-Serbja kienet tissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta’ Kopenħagen tal-21 u t-22 ta' Ġunju 1993 relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett u l-protezzjoni tal-minoranzi u s-Serbja se jkollha tibqa' tissodisfa dawn il-kriterji biex isir membru, skont ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rapport Annwali ta' Progress.

(16) Fir-rigward tat-Turkija, il-bażi ġuridika għal protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin hija pprodvuta b'mod adegwat permezz ta' drittijiet tal-bniedem sostantivi u proċedurali u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluża l-adeżjoni mat-trattati internazzjonali ewlenin kollha li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur f'94 applikazzjoni

minn 2899. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi inċident ta' refoulement taċ-ċittadini tagħha stess. Fl-2014, l-Istati Membri kkunsidraw li 23,1 % (310) ta' applikazzjonijiet għall-ażil minn ċittadini tat-Turkija kellhom bażi soda. Stat Membru wieħed indika lit-Turkija bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu. It-Turkija ġiet indikata bħala pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew u n-negozjati nfetħu. F'dak iż-żmien l-evalwazzjoni kienet li t-Turkija kienet tissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen tat-21 u t-22 ta' Ġunju 1993 relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett u l-protezzjoni tal-minoranzi u t-Turkija se jkollha tibqa' tissodisfa dawn il-kriterji biex isir membru, skont ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rapport Annwali ta' Progress.

(17) Ġaladarba l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu għalkollox mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-objettiv.

(18) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta.

(19) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, bla periklutà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawn l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

JEW

[F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, bla periklutà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għal Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbuta biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.]

JEW

[F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, bla periklutà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, bla periklutà u ġustizzja mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

JEW

[F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, bla periklutà u ġustizzja mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni

Ewropea, ir-Renju Unit innotifika (permezz ta' ittra li ġġib id-data ta' ...) x-xewqa tagħha li tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

F'konformita mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, bla periklutà u ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u bla ħsara għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.]

(20) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih u lanqas mhi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi lista komuni ta' pajjiżi terzi li jiġu kkunsidrati bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu fis-sens tad-Direttiva 2013/32/UE.

Artikolu 2

Il-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu

1. Il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament huma pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

2. Il-Kummissjoni regolarment tirreżamina s-sitwazzjoni fil-pajjiżi terzi li jkunu fuq il-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, abbażi ta' firxa ta' sorsi ta' informazzjoni, inkluż b'mod partikolari rappurtar regolari mis-SEAE u informazzjoni mill-Istati Membri, mill-EASO, mill-UNHCR, mill-Kunsill tal-Ewropa u minn organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti oħra.

3. Kull emenda għal-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu tiġi adottata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

4. Il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 3 sabiex tissospendi l-preżenza ta' pajjiż terz fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

Artikolu 3

It-tneħħija ta' pajjiż terz mil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu f'każ ta' bidla għal għarrieda tas-sitwazzjoni

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. F'każ ta' bidliet għal għarrieda fis-sitwazzjoni ta' pajjiż terz li jkun fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, il-Kummissjoni tagħmel evalwazzjoni sostanzjata ta' kemm dak il-pajjiż ikun jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2013/32/UE u, jekk dawk il-kundizzjonijiet ma jkunux għadhom issodisfati, tadotta, f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE, Deċiżjoni li tissospendi l-preżenza ta' dak il-pajjiż terz mil-lista komuni tal-UE għal perjodu ta' sena.

3. Meta l-Kummissjoni tkun ipproponiet emenda għal dan ir-Regolament sabiex tneħħi pajjiż terz mil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, hija tista', abbażi ta' evalwazzjoni sostanzjali msemmija fil-paragrafu 2 testendi l-validità tad-deċiżjoni delegata adottata skont il-paragrafu 2 għal perjodu massimu ta' sena.

4. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati li ssir referenza għalihom f'dan l-Artikolu hija kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames (5) snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni tħejji rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames (5) snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament

Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

5. Id-delega tas-setgħa msemmija f’dan l-Artikolu tista’ tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

6. Malli tadotta att delegat f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

7. Att delegat adottat skont dan l-Artikolu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw.

Artikolu 4

Emendi għad-Direttiva 2013/32/UE

Id-Direttiva 2013/32/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 36 il-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:

"1. Pajjiż terz indikat bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu skont din id-Direttiva permezz tal-liġi nazzjonali, jew li jkun fuq il-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu stabbilita bir-Regolament (UE) Nru XXXX/2015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [dan ir-Regolament] jista', wara analiżi individwali tal-applikazzjoni, ikun ikkunsidrat bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu għal xi applikant partikolari biss jekk:

(a) dan jew din ikollhom in-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż; jew

(b) l-applikant ikun/tkun persuna apolida u kien/kienet, preċedentement, abitwalment residenti f’dak il-pajjiż;

u ma jkun/tkun ippreżenta/ippreżentat l-ebda raġuni serja sabiex il-pajjiż ma jiġix ikkunsidrat bħala pajjiż ta’ oriġini bla periklu fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu/tagħha u fis-sens tal-kwalifika tiegħu/tagħha bħala benefiċjarju/benefiċjarja ta’ protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE."

(2) Fl-Artikolu 37 il-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:

"1. L-Istati Membri jistgħu jżommu fis-seħħ jew jintroduċu leġislazzjoni li tippermetti, konformement mal-Anness I, għall-indikazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu minbarra dawk fuq il-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru XXXX/2015 [dan ir-Regolament] għall-finijiet tal-eżami ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali".

(3) Fl-Anness I, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Indikazzjoni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għall-finijiet tal-Artikoli 36 u 37(1)"

___

* Ir-Regolament (UE) Nru XXXX/2015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [id-data] li jistabbilixxi lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għall-finijiet tad-Direttiva 2013/32/UE, u li temenda d-Direttiva 2013/32/UE

Artikolu 5

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President